**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 727/01DM

Lada Motors Limited

Vs

Lino Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tmienja u disghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm2,198.65), import ta' kambjali minnu iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok 1 sa 38, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat sabiex ihallas.

Bl-imghaxijiet mid-datat ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil John Portelli rapprezentant tal-kumpanija attrici issib illi it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex prevja li jigu esebiti il-kambjalijiet originali fl-atti ta' din il-kawza, huwa ihallas lil atturi is-somma mitluba ta' elfejn, mija u tmienja u disghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm2,198.65) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 t'Awissu tas-sena 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg